**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 8 ta’ Gunju, 2016

Rikors Nru : 67/15 AL

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi r-rikorrenti u l-intimata zzewgu fis-sebgha (7) ta’ Settembru ta’ l-elf disa’ mija u disghin (1990) (Dok. A), ilhom isseparati ghal iktar minn erba’ (4) snin u permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Sammut tat-tmintax (18) ta’ Marzu ta’ l-elf disa’ mija u sebgha u disghin (1997) huma ssepparaw legalment (Dok B);

Illi skont sentenza ta’ l-Onor. Imhallef Noel Cuschieri tal-wiehed u ghoxrin (21) ta’ April 2010 gie deciz illi l-manteniment lill-intimata kellu jitwaqqaf (Dok C);

Illi minn dan iz-zwieg il-partijet kellhom tlett titfal li illum huma kollha maggorenni;

Illi m'hemmx prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi inoltre qed jigi anness affidavit tar-rikorrenti dwar il-konferma tal-fatti (Dok D);

Illi ghalhekk il-partijiet jissodisfaw ir-rekwiziti kollha imposti mill-Ligi ghall-otteniment ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat u annotat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha ikkonfermat :

1. Illi skont sentenza datata 21 ta' April 2010, annessa mar-rikors promotur, il-Qorti waqqfet il-manteniment tal-esponenti u irreduciet il-manteniment ta' tlett minuri. Il-manteniment dovut mir-rikorrenti lill-esponenti gie ffissat ghal 35 Eur fix-xahar ghal kull wild minuri, u r-rikorrenti gie ordnat ukoll illi ma l-ewwel wild li isir maggorenni, is-sehem taghha jibqa jakkrexxi fuq l-ohrajn, u l-istess meta t-tieni wild isir maggorenni, b'mod illi l-imsemmi ammont ta' 105 Eur fix-xahar jibqa' jithallas lill-esponenti sakemm l-ahhar wild tal-partijiet isir maggorenni;
2. Illi mill-21 ta' April 2010 il-manteniment dejjem thallas, madankollu hemm sommom arretrati li sal-lum ghadhom ma thallsux;
3. Illi l-arretrati indikati fi tlett sentenzi, tnejn datati 26 ta' Ottubru 2009 u ohra datata 18 ta' Jannar 2010, kopja ta' liema qeghdin jigu annessi u bhala Dok X1-3 ma thallsux u dan fl-ammont komplessiv ta' **€4,326**;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Frar, 2015;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti ma irnexxielux jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ma issodisfax ir-rekwizit illi ma hemm l-ebda pendenza dwar hlas ta' manteniment;

Illi irrizulta fuq ammissjoni tal-istess rikorrenti illi hemm certament ammont dovut lill-intimata ta' cirka tmien mitt ewro in linea ta' manteniment u apparti minn hekk l-intimata qeghda isostni ukoll ili hemm ammont ukoll ferm akbar minn hekk dovut lilha.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija peress illi ir-rikorrenti ma issodisfax dan ir-rekwizit essenzjali sabiex jintlaqghu it-talbiet tieghu, Il-Qorti qeghda tichad it-talbiet illi ghamel fir-rikors tieghu tat-12 ta' Frar 2015 bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;